**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0269/2023**

20.9.2023

# RAPPORT

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lir-Rumanija u lill-Italja fir-rigward ta' diżastri naturali fl-2022 u lit-Türkiye b'rabta mat-terremoti fi Frar 2023
(COM(2023)0381 – C9-0318/2023 – 2023/0297(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Katalin Cseh

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

ANNESS: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL........................6

NOTA SPJEGATTIVA ...........................................................................................................8

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................11

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .......12

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lir-Rumanija u lill-Italja fir-rigward ta’ diżastri naturali fl-2022 u lit-Türkiye b’rabta mat-terremoti fi Frar 2023**
**(COM(2023)0381 – C9-0318/2023 – 2023/0297(BUD))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill COM(2023)381 – C9-0318/2023,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta’ Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta’ Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[2], u b’mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta’ Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f’materji ta’ baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta’ riżorsi proprji ġodda[3], u b’mod partikolari l-punt 10 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta’ Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) dwar it-tisħin globali ta’ 1,5 °C, ir-rapport speċjali tiegħu dwar it-tibdil fil-klima u l-art, u r-rapport speċjali tiegħu dwar l-oċean u l-krijosfera fi klima li qed tinbidel,

– wara li kkunsidra l-Ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP21) li saret f’Pariġi fit-12 ta’ Diċembru 2015 (il-Ftehim ta’ Pariġi),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta’ Mejju 2021 dwar ir-rieżami tal-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta’ Diċembru 2022 dwar it-titjib tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027: baġit tal-UE reżiljenti adattat għal sfidi ġodda[5],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0269/2023),

[1] ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.
[2] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.
[3] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.
[4] ĠU C 15, 12.1.2022, p. 2.
[5] ĠU C 177, 17.5.2023, p. 115.

A. billi r-reġjuni ċentrali tal-Italja ġew affettwati minn avvenimenti ta' għargħar tax-xmajjar u għal għarrieda bejn il-15 u s-17 ta' Settembru 2022 li rriżultaw fi ħsara diretta totali stmata mill-awtoritajiet Taljani għal EUR 837,56 miljun;

B. billi l-parti tax-Xlokk tar-Rumanija sofriet nixfa severa fl-aħħar ta' Ġunju - il-bidu ta' Lulju 2022 li rriżultat fi ħsara diretta totali stmata mill-awtoritajiet Rumeni għal EUR 1,31 biljun;

C. billi żewġ terremoti kbar ta' kobor ta' 7,8$M_w$ u 7,5$M_w$ [6]laqtu n-Nofsinhar tat-Türkiye fir-reġjun ta' Kahramanmara fis-6 ta' Frar 2023 u terremot qawwi ieħor ta' 6.3 $M_w$ laqat ir-reġjun tal-Hatay fl-20 ta' Frar 2023 li rriżultaw fi ħsara diretta totali ta' EUR 78,8 biljun skont il-Kummissjoni;

1. Jesprimi l-akbar solidarjetà tiegħu mal-vittmi kollha, il-familji tagħhom u l-individwi kollha milquta min-nixfa fir-Rumanija, l-għargħar qerrieda fl-Italja u t-terremoti fit-Türkiye, kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi involuti fl-isforzi ta' sokkors;

2. Jilqa' d-deċiżjoni bħala forma tanġibbli u viżibbli tas-solidarjetà tal-Unjoni maċ-ċittadini tagħha u mar-reġjuni fiż-żoni milquta fir-Rumanija, l-Italja u t-Türkiye; itenni l-importanza li l-benefiċċji tanġibbli pprovduti permezz tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) jiġu kkomunikati lill-pubbliku, sabiex tkompli tikber il-fiduċja taċ-ċittadini fl-għodod u fil-programmi tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi ta' komunikazzjoni biex itejbu l-għarfien pubbliku dwar l-interventi li saru bil-finanzjament fl-ambitu tal-FSUE;

3. Jenfasizza n-numru dejjem jikber ta' diżastri naturali severi u distruttivi fl-Ewropa; jenfasizza li minħabba t-tibdil fil-klima avvenimenti estremi tat-temp bħal dawk osservati fir-Rumanija u l-Italja li jirriżultaw f'emerġenzi se jkomplu jintensifikaw u jimmultiplikaw; jisħaq li l-FSUE huwa biss strument kurattiv u li t-tibdil fil-klima primarjament jirrikjedi politika preventiva f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni u l-Patt Ekoloġiku; iħeġġeġ għalhekk lill-Unjoni ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tindirizza t-tibdil fil-klima kemm fl-Unjoni kif ukoll globalment; jitlob, f'dan ir-rigward, reviżjoni tar-regolamenti (KE) Nru 2012/2002 u (UE, Euratom) 2020/2093 biex jiġu identifikati aħjar l-allokazzjonijiet iddedikati għall-Istati Membri u dawk iddedikati għall-pajjiżi terzi minħabba l-ammont limitat ta' riżorsi tal-FSUE;

4. Jenfasizza li r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR) hija kontinwament eżawrita u għalhekk mhix biżżejjed biex tikkumpensa l-konsegwenzi ta' diżastri kkawżati mill-bniedem u diżastri naturali b'mod partikolari diżastri relatati mat-tibdil fil-klima; jisħaq li l-finanzjament mhuwiex biżżejjed biex ikopri l-ħtiġijiet taż-żoni milquta minn diżastri naturali; iqajjem mistoqsijiet fuq livell fundamentali dwar jekk l-FSUE huwiex adattat b'mod adegwat għall-konsegwenzi futuri tat-tibdil fil-klima; jiddispjaċih li l-ammont massimu disponibbli għal dik il-mobilizzazzjoni tal-FSUE huwa ħafna anqas mill-ammont ta' għajnuna potenzjali li jista' jiġi kopert; itenni li r-riżorsi

6 $M_w$ - Skala ta' kobor sismiku "Richter" jew skala tad-daqs tal-mument.

disponibbli għall-FSUE għandhom jiżdiedu b'mod sostanzjali bħala parti mir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid il-baġit tas-SEAR u ssaħħaħ b'mod sostanzjali l-baġit annwali tal-FSUE sabiex tkun tista' tirreaġixxi b'mod adegwat għall-intensifikazzjoni tad-diżastri naturali fl-Unjoni u tipprovdi appoġġ tanġibbli lill-Istati Membri affettwati minnhom fid-dawl tal-kobor u r-rikorrenza ta' dawn it-tipi ta' emerġenzi, b'mod partikolari l-emerġenzi relatati mat-tibdil fil-klima;

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq mudell għal mobilizzazzjoni aktar rapida u f'waqtha tal-FSUE inkluż it-trattament tal-applikazzjonijiet, sabiex l-awtoritajiet rilevanti jkunu jistgħu jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' restawr malajr kemm jista' jkun; ifakkar li l-għoti, il-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-għotjiet tal-FSUE għandhom ikunu trasparenti kemm jista' jkun, u li huwa meħtieġ li l-għotjiet jintużaw f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiġi rilaxxata assistenza finanzjarja permezz tal-FSUE biex jiġi żgurat li l-appoġġ ikun jista' jasal lejn ir-reġjuni milquta fil-ħin u jipprovdi l-assistenza meħtieġa għall-operazzjonijiet ikkonċernati, kif mitlub mill-Istati Membri, bħal dawk għar-riabilitazzjoni tal-infrastruttura, għas-servizzi ta' salvataġġ, inklużi azzjonijiet ta' tifi tan-nar, għar-restawr taż-żoni agrikoli affettwati u għall-provvista tal-ilma;

6. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## ANNESS: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lir-Rumanija u lill-Italja fir-rigward ta' diżastri naturali fl-2022 u lit-Türkiye b'rabta mat-terremoti fi Frar 2023**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea[1] u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni fuq materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprja ġodda[2], u b'mod partikolari l-punt 10 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ("il-Fond") għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi b'mod rapidu, effiċjenti u flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza biex tintwera solidarjetà mal-popolazzjonijiet tar-reġjuni milquta minn diżastri naturali maġġuri jew reġjonali jew minn emerġenza maġġuri tas-saħħa pubblika.

(2) Il-Fond ma għandux jaqbeż il-limiti massimi kif stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093[3].

(3) Fis-6 ta' Settembru 2022, ir-Rumanija ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara n-nixfa fis-sajf tal-2022.

(4) Fit-8 ta' Diċembru 2022, l-Italja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara l-għargħar fir-Reġjun tal-Marche f'Settembru 2022.

(5) Fl-20 ta' April 2023, it-Türkiye ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara t-terremoti fi Frar 2023.

(6) L-applikazzjonijiet imsemmija hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002.

(7) Il-Fond għandu għalhekk jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lir-Rumanija, l-Italja u t-Türkiye.

---

[1] ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

[2] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11-22).

(8) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed biex jiġi mobilizzat il-Fond, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2023, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi mobilizzat kif ġej f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament fir-rigward ta' diżastri naturali:

(a) l-ammont ta' EUR 33 895 935 għandu jiġi pprovdut lir-Rumanija fir-rigward tan-nixfa fis-sajf tal-2022;

(b) l-ammont ta' EUR 20 939 095 għandu jiġi pprovdut lill-Italja fir-rigward tal-għargħar fir-Reġjun tal-Marche f'Settembru 2022;

(c) l-ammont ta' EUR 400 000 000 għandu jiġi pprovdut lit-Türkiye fir-rigward tat-terremoti fi Frar 2023.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika minn … [*id-data tal-adozzjoni tagħha*][*].

Magħmula fi ....,

*Għall-Parlament Ewropew*
Il-President

*Għall-Kunsill*
Il-President

[*] Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) biex tagħti assistenza finanzjarja għal ammont globali ta' EUR 454 835 030 relatat ma' diżastri naturali li seħħew fir-Rumanija u l-Italja fl-2022 u fit-Türkiye fl-2023.

**Ir-Rumanija – diżastru maġġuri: nixfa**

Minn Marzu 2022, nixfa severa laqtet il-parti tax-Xlokk tar-Rumanija b'mod partikolarment iebes. L-għelejjel intlaqtu b'mod negattiv min-nixfa u żewġ mewġiet ta' sħana konsekuttivi fl-aħħar ta' Ġunju – bidu ta' Lulju 2022. Ix-xita waslet tard wisq biex tikkumpensa u ttaffi l-veġetazzjoni u l-istress fuq l-uċuħ tar-raba'. Bħala riżultat tal-kundizzjonijiet aktar umdi u aktar kesħin fl-aħħar ta' Awwissu u fil-bidu ta' Settembru, il-perjodu sħun u xott naqas fil-ħarifa. Ir-Rumanija kienet ukoll wieħed mill-aktar pajjiżi milquta min-nirien fl-2022. Id-data stmata mis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien fil-Foresti (EFFIS) turi li nħarqu madwar 163 536 ettaru. Fl-2022, in-nirien fir-Rumanija kienu prinċipalment ikkonċentrati f'żewġ reġjuni, iż-żoni tal-Punent tal-pajjiż fejn l-aktar tipi ta' veġetazzjoni affettwati kienu foresti u arbuxelli tranżizzjonali u d-delta tad-Danubju fil-Lvant tal-pajjiż, fejn seħħew għadd kbir ta' nirien kbar.

L-awtoritajiet Rumeni jistmaw li l-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru hija ta' EUR 1,31 biljun. Dan l-ammont jaqbeż il-limitu ta' "diżastru naturali maġġuri" għar-Rumanija ta' 0.6 % tad-Dħul Nazzjonali Gross (ING), li kien ta' EUR 1 290 495 miljun fl-2022. Għaldaqstant, id-diżastru jikkwalifika bħala "diżastru naturali maġġuri" skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament.

**Italja - diżastru reġjonali: għargħar fir-Reġjun tal-Marche**

Bejn il-15 u s-17 ta' Settembru 2022, ir-reġjuni tal-Italja ċentrali ntlaqtu minn xita qawwija li rriżultat f'avvenimenti ta' għargħar fix-xmajjar u għal għarrieda. B'mod partikolari, iċ-ċelloli tal-maltempati li żviluppaw fuq in-naħa Umbrijana tal-Apennini affettwaw iż-żona muntanjuża tal-Marche, u fl-aħħar mill-aħħar ipproduċew maltempati rqaq intensi u lokalizzati b'fond ta' preċipitazzjoni notevoli fil-15 ta' Settembru. Minħabba l-avveniment meteoroloġiku estrem, il-provinċji ta' Pesaro-Urbino, Ancona, u Macerata, esperjenzaw għargħar u erożjoni tul ix-xmajjar ewlenin u sekondarji, li rriżultaw fil-qerda jew il-ħsara tal-infrastruttura, għargħar estensiv fil-pjanura tal-għargħar kif ukoll ħsara kemm f'bini u oġġetti pubbliċi kif ukoll privati. Tliet xmajjar ukoll qabżu x-xtut tagħhom u għarrqu ż-żoni tal-madwar. Iż-żona globali affettwata mill-avveniment meteoroloġiku estrem tirrappreżenta 43 % tal-erja totali tal-art tar-reġjun tal-Marche. Il-konsegwenzi tal-avveniment kienu drammatiċi. Minbarra t-telf ekonomiku estensiv, 12-il persuna tilfu ħajjithom.

L-awtoritajiet Taljani jistmaw li l-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru hija ta' EUR 837,56 miljun. Dan l-ammont jirrappreżenta 1.98 % tal-PDG tar-reġjun tal-Marche, u jaqbeż il-limitu applikabbli ta' "diżastru reġjonali" ta' 1.5 % tal-PDG tar-Reġjun, li kien ta' EUR 635,88 miljun fl-2022. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, id-diżastru jikkwalifika bħala "diżastru naturali reġjonali".

**It-Türkiye - diżastru maġġuri: terremoti**

Fis-6 ta' Frar 2023, żewġ terremoti kbar ta' kobor ta' 7,8$M_w$ u 7,5$M_w$ [4]laqtu n-Nofsinhar tat-Türkiye fir-reġjun ta' Kahramanmara (qrib il-fruntiera mat-Tramuntana tas-Sirja). It-terremot ta' 7,8Mw tas-6 ta' Frar huwa l-akbar wieħed fit-Türkiye mit-terremot Erzincan tal-1939 tal-istess qawwa, u t-tieni l-aktar b'saħħtu flimkien ma' ieħor, fl-istorja tal-pajjiż, wara t-terremot tal-1668 fl-Anatolia tat-Tramuntana. B'riżultat ta' dawn iż-żewġ terremoti, aktar minn 50 elf persuna tilfu ħajjithom u sofrew telf materjali sinifikanti fi 11-il provinċja. Skont il-valutazzjoni tad-danni, kważi miljun binja sofrew danni, li minnhom madwar 280 000 waqgħu jew ġarrbu danni serji. It-terremoti għamlu ħsara kbira lit-toroq, lill-ferroviji, lill-komunikazzjoni, lill-enerġija, lin-networks tal-provvista tal-gass naturali u lill-infrastruttura tal-ilma. Huwa stmat li ġew affettwati 14-il miljun persuna, jew 16 % tal-popolazzjoni tat-Türkiye. Fl-20 ta' Frar 2023, terremot qawwi ieħor ta' 6.3 $M_w$ laqat ir-reġjun tal-Hatay. Is-sekwenza sismika kienet ir-riżultat ta' ksur tas-saffi u vini tal-art.

L-awtoritajiet Torok jistmaw li l-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru hija ta' EUR 81,7 biljun. Il-Kummissjoni aċċettat EUR 78,8 biljun bħala ħsara diretta totali plawżibbli. Dan l-ammont jaqbeż il-limitu applikabbli ta' "diżastru naturali maġġuri" għat-Türkiye ta' EUR 3 000 miljun fi prezzijiet tal-2011 li jikkorrispondi għal EUR 3 804 725 miljun fi prezzijiet attwali fl-2023. Għaldaqstant, id-diżastru jikkwalifika bħala "diżastru naturali maġġuri" skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament.

**Konklużjoni**

Il-metodoloġija biex tiġi kkalkulata l-għajnuna kienet imfassla fir-Rapport Annwali tal-2002-2003 dwar il-FSUE u aċċettata mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi lill-awtorità tal-baġit biex timmobilizza l-ammonti li ġejjin għall-applikazzjonijiet mir-Rumanija u l-Italja:

| **L-Istati Membri** | *Kwalifikazzjoni ta' diżastru* | *Ħsara diretta totali (EUR)* | *Livell limitu għal diżastru reġjonali (EUR)* | *Livell limitu għal diżastru maġġuri (EUR)* | *2,5 % tal-ħsara diretta totali (sal-limitu tad-diżastri maġġuri) (EUR)* | *6 % tal-ħsara diretta 'l fuq mil-limitu massimu (EUR)* | *Ammont totali tal-għajnuna proposta (EUR)* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ir-Rumanija-nixfa | *Maġġuri (Artikolu 2(2))* | *1 317 721 000* | *MHUX APPLIKABBLI* | *1 290 495 000* | *32 262 375* | *1 633 560* | *33 895 935* |
| Italja-Għargħar | *Reġjonali (Artikolu 2(3))* | *837 563 818* | *635 880 000* | *MHUX APPLIKABBLI* | *20 939 095* | *MHUX APPLIKABBLI* | *20 939 095* |
| | | | | | | ***TOTAL*** | ***54 835 030*** |

Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament QFP, il-limitu massimu annwali kumplessiv tas-SEAR huwa ta' EUR 1 200 000 000 fi prezzijiet tal-2018 jew EUR 1 324 897 000 fi prezzijiet attwali. L-Artikolu 9(4) tar-Regolament QFP jistipula li 25 % tal-allokazzjoni annwali kumplessiva tas-SEAR (EUR 331 224 250 fi prezzijiet attwali għall-2023) issir disponibbli għall-komponenti kollha tas-SEAR mill-1 ta' Ottubru. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament QFP, l-ammont massimu li jista' jiġi mobilizzat mill-FSUE huwa 50 % tal-allokazzjoni ġenerali tas-SEAR wara t-tnaqqis tal-25 % msemmija hawn fuq.

[4] $M_w$ - Skala ta' kobor sismiku "Richter" jew skala tad-daqs tal-mument.

Għalhekk, l-ammont massimu li jista' jiġi mobilizzat mill-FSUE mill-allokazzjoni tas-SEAR tal-2023 f'dan l-istadju huwa ta' EUR 496 836 375. Skont l-Artikolu 4a(4) tar-Regolament FSUE, l-ammont ta' EUR 50 000 000 diġà tniżżel fil-Baġit Ġenerali tal-2023 għall-ħlas ta' avvanzi futuri possibbli.

| **Ammont disponibbli taħt il-FSUE fl-2023:** | |
|---|---|
| Allokazzjoni totali annwali tas-SEAR għall-2023 | 1 324 897 000 |
| Allokazzjoni annwali tas-SEAR għall-2023 allokata għall-FSUE | 496 836 375 |
| - *Ammont li għandu jiġi mobilizzat għar-Rumanija u l-Italja* | *- 54 835 030* |
| Ammont li jifdal li għandu jiġi mobilizzat (inklużi EUR 50 miljun iskritti fil-Baġit skont l-Artikolu 4a(4) tar-Regolament FSUE) | 442 001 345 |

Fir-rigward tal-applikazzjoni mit-Türkiye, tiġi applikata l-istess metodoloġija għall-kalkolu tal-għajnuna mill-FSUE kif stabbilita fir-Rapport Annwali 2002-2003 dwar il-FSUE u aċċettata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

| | *Kwalifikazzjoni ta' diżastru* | *Ħsara diretta totali (EUR)* | *Livell limitu għal diżastru maġġuri (EUR)* | *2.5 % tal-ħsara diretta totali sal-limitu (EUR)* | *6 % tal-ħsara diretta 'l fuq mil-limitu massimu (EUR)* | *Ammont ta' għajnuna potenzjali (EUR)* | *Ammont totali tal-għajnuna proposta (EUR)* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Türkiye - terremot | *Maġġuri (Artikolu 2(2))* | *78 799 164 182* | *3 804 725 000* | *95 118 125* | *4 499 666 351* | *4 594 784 476* | ***400 000 000*** |

Il-kalkolu tal-għajnuna potenzjali mill-FSUE għat-Türkiye jwassal għal ammont li jaqbeż id-disponibbiltajiet baġitarji f'dan l-istadju. Il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-FSUE għat-Türkiye f'konformità mal-ammont antiċipat tal-appoġġ tal-FSUE fi ħdan il-wegħda tal-Kummissjoni fil-konferenza Internazzjonali tad-Donaturi fl-20 ta' Marzu 2023, li hija ta' EUR 400 miljun. Wara din il-mobilizzazzjoni, l-ammont li jifdal se jkun ta' EUR 42 001 345.

***Ir-rapporteur jirrakkomanda l-approvazzjoni rapida tal-proposta għal deċiżjoni tal-Kummissjoni annessa ma' dan ir-rapport, li twassal għall-mobilizzazzjoni rapida tal-ammonti msemmija qabel, bħala sinjal ta' solidarjetà Ewropea fil-konfront tar-Rumanija, l-Italja u t-Türkiye. Ir-rapporteur jistieden lill-Kummissjoni biex din il-kontribuzzjoni finanzjarja tingħata b'urġenza partikolari.***

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 20.9.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 26<br>–: 1<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Rasmus Andresen, Pietro Bartolo, Olivier Chastel, David Cormand, Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Alexandra Geese, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Eero Heinäluoma, Monika Hohlmeier, Moritz Körner, Joachim Kuhs, Margarida Marques, Victor Negrescu, Dimitrios Papadimoulis, Karlo Ressler, Bogdan Rzońca, Eleni Stavrou, Nils Torvalds, Nils Ušakovs |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Anna-Michelle Asimakopoulou, Martin Hojsík, Jan Olbrycht, Grzegorz Tobiszowski |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Asim Ademov, Estrella Durá Ferrandis, Daniel Freund, Ralf Seekatz |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 26 | + |
|---|---|
| ECR | Bogdan Rzońca, Grzegorz Tobiszowski |
| PPE | Asim Ademov, Anna-Michelle Asimakopoulou, Monika Hohlmeier, Jan Olbrycht, Karlo Ressler, Ralf Seekatz |
| Renew | Olivier Chastel, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Martin Hojsík, Nils Torvalds |
| S&D | Pietro Bartolo, Estrella Durá Ferrandis, Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Eero Heinäluoma, Margarida Marques, Victor Negrescu, Nils Ušakovs |
| The Left | Dimitrios Papadimoulis |
| Verts/ALE | Rasmus Andresen, David Cormand, Daniel Freund, Alexandra Geese |

| 1 | - |
|---|---|
| Renew | Moritz Körner |

| 2 | 0 |
|---|---|
| ID | Joachim Kuhs |
| PPE | Eleni Stavrou |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni